**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 11 ta' Marzu 2025**

**Kumpilazzjoni numru 170/2025**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elisia Scicluna)**

**Vs**

**Mahmoud Khamis**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Mahmoud Khamis**, iben Ibrahim Khamis u Gozone kunjomha xebba Ouqaa, imwieled Al Sukhknah, is-Sirja nhar l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988), residenti ġewwa M&M Court, appartament numru sebgħa (7), Triq San Ġorġ, Raħal Ġdid, Malta, detentur tan-numru REFCOM 33726

U nakkużah talli nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) għall-ħabta ta' bejn it-tmienja ta' filgħodu (08.00hrs) u l-għaxra ta' filgħodu (10.00hrs) u/jew fil-ġranet u/jew ħinijiet ta' qabel, ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin: -

1. Xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-Artikolu 183 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew pprovda tagħrif falz.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, saq il-vettura ta' għamla **Nissan** bin-numru ta' reġistrazzjoni **FCD862** mingħajr ma kellu liċenzja neċessarja tas-sewqan;

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tiskwalifika lil ħati milli jkollhu jew jikseb l-liċenzja tas-sewqan għal żmien kif jidrilha xieraq din il-Qorti u dan skond kif stipulat fl-Artikolu 15(2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi għalkemm nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) waqt l-eżami tiegħu ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat Mahmoud Khamis wieġeb li m'huwiex ħati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati, fl-udjenza tal-llum stess l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni giet minnu kkonfermatha wara li l-Qorti ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wissietu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jikkunsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat Mahmoud Khamis għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, u dan fil-preżenza tal-avukat difensur tiegħu, din il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom ġie mixli l-imputat u li tagħhom huwa iddikjara li huwa ħati, kif ukoll, iċ-ċirkostanzi tal-każ. Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat rreġistra ammissjoni fi stadju relattivament bikri tal-proċeduri.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, din l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 183, 184, 188 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(1)(a)(3), tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat **Mahmoud Khamis** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u qegħda tikkundannah għall-piena ta' tmintax (18)-il xahar priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed jiġi sospiż għal żmien erba' (4) snin mill-llum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċari u sempliċi, il-konsegwenzi skont il-liġi kemm-il darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qegħda tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax-il xahar mid-data ta' din is-sentenza.

In oltre l-Qorti qegħda tordna d-distruzzjoni tal-liċenzja eżebita bħala 'Dok ES4' u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara